MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 108/2006

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-erbatax (14) ta' Dicembru, 1991 fil-Knisja ta' Hal Balzan (Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-konjugi B kellhom zewg ulied u cioe' D, li twieldet fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993), u E, li twieled fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u disghin;

3. Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, l-intimat gie ddikjarat li m’ huwiex il-missier naturali taz-zewg ulied hawn fuq imsemmija;

4. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment u l-intimat irrenda ruhu hati versu r-rikorrenti martu ta’ theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u vjolenza fizika u psikologika, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-kawza ta’ dan kollu r-rikorrenti kienet qieghda kontinwament tghix f’ tensjoni u biza’ kbira tant illi kellha bilfors titlaq mid-dar matrimonjali u fil-fatt ilha li telqet minnha cirka hames (5) snin;

6. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’ dan is-sens moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 1805/05 (Dok. B), liema digriet gie pprorogat permezz tad-digriet numru 395/06 (Dok. C);

7. Illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni, izda dawn ma tawx frott minhabba ntransigenza da parti tal-intimat;

8. Illi r-rikorrenti taf b’ dawn il-fatti personalment;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribbwibbli lill-intimat u senjatament theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza psikologika u fizika fil-konfront tar-rikorrenti u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separata mill-intimat zewgha;

3. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f' dak il-proporzjon u b' dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta' divizjoni ta' l-immobbli, opportun f' jum u hin li wkoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

6. Tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;

7. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn dawk id-drittijiet tieghu, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti, skond ir-rizultanzi, u dan a tenur ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti ilil tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-medjatur kontra l-intimat li jibqa' ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa li:

1. Illi l-isem l-attrici huwa skorrettament indikat fl-atti minnha pprezentati billi fil-mori tal-annullament taz-zwieg tal-kontendenti l-istess attrici rrivertiet ex lege ghal kunjomha ta' xebba cioe' Camilleri. Di piu, kif inhu evidenzjat ukoll mill-att taz-zwieg ezebit minnha, isem l-attrici huwa Doris jew Maria Dolores u mhux A.

2. Illi l-kawza ta' separazzjoni stitwita mill-attrici hija nulla u insostenibbli ghaliex il-kontendenti ma humiex mizzewgin lil xulxin billi z-zwieg taghhom gie dikjarat null b' sentenza tal-Prim Awla ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Ottubru 2004.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti huwa eccipit illi l-utilita’ tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici hija eliminata mill-fatt illi gie annullat iz-zwieg bejn il-kontendenti li gew terminati l-obbligi illi huma ttrattati fl-imsemmija talbiet.

4. Illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xolta b’ effett tal-annullament taz-zwieg tal-kontendenti.

5. Illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex kompetenza tillikwida u taqsam il-gid komuni tal-kontendenti.

6. Illi rrizulta illi l-attrici kienet in mala fede meta hija kkontrattat iz-zwieg mal-eccipjent b’ mod illi skond il-Ligi, l-effetti ta’ zwieg putattiv huma esplicitament eskluzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu l-attrici rtirat it-talbiet numri wiehed [1] u tnejn [2];

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjonijiet numri hamsa [5] u sitta [6];

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet in propositu;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16.

Minn naha tieghu, u in linea preliminari, il-konvenut jissolleva li, stante li z-zwieg bejn il-kontendenti kien gie annullat qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tillikwida u taqsam il-gid komuni ta’ bejniethom; u inoltre li l-attrici kienet in mala fede meta kkuntrattat iz-zwieg, u allura l-effetti ta’ zwieg putattiv huma esplicitament eskluzi.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fl-14 ta' Dicembru 1991, f' liema zwieg twieldu zewgt-it tfal.

Illi b' sentenza mghotja fit-30 ta' Gunju 2004, din il-Qorti ddecidiet li dawn it-tfal ma' kienux il-wild naturali tal-konvenut, u konsegwentement ordnat id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid taghhom.

Illi b' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2006, iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien gie dikjarat null unikament bi htija ta' l-attrici, allura konvenuta; u dan inter alia, ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 u giet ordnata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Illi r-raguni fattwali u guridika li in bazi taghha din il-Qorti kienet sabet lill-attrici hatja ghall-annullament taz-zwieg kienet ir-relazzjoni li din kellha ma' zijuha tar-rispett qabel iz-zwieg u li kompliet matul iz-zwieg. Fl-isemmija sentenza din il-Qoti osservat li: "jirrizulta car illi meta l-partijiet izzewwgu, il-konvenuta kienet eskludiet posittivament iz-zwieg innifsu specjalment l-obbligu tal-fedelta'. Dan hareg car kemm mill-komportament taghha qabel u wara z-zwieg, u anke mill-ammissjoni taghha stess dwar ir-relazzjoni li kellha.."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghall-principji guridici trattati fil-kawza "Mary Rose Tabone vs Joseph Stellini" moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2008 li fiha gie trattat proprju l-applikazzjoni ta' l-artikolu 20 tal-Kap.255 rifferibbilment ghall-assi akkummulati mill-partijiet waqt zwieg li sussegwentement kien gie dikjarat null bi htija unikament ta' parti.

Illi inoltre tosserva li mill-artikolu 55, u senjatament mis-sub inciz [2] u [3], tal-Kap.16 jirrizulta car li din il-Qorti ghandha gurisidizzjoni li tordna, mhux biss ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwist jew tal-komunjoni ta' residwu that

amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet, izda anke li tillikwidaha u taqsamha bejn il-partijiet. Ghalhekk huwa manifest li din il-Qorti hija kompetenti li tiddividi l-assi komuni tal-partijiet akkwistati minnhom fi zwieg; kemm that ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll, fl-assenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti, that ir-regim tal-komproprjeta'.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li z-zwieg kien, sussegwentement ghall-akkwist komuni tal-proprjeta', gie annullat ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni; in kwantu tolqot dik il-proprjeta' komuni akkwistata minnhom meta z-zwieg kien ghadu meqjusa bhala validu. Ghaldaqstant il-Qorti tikkunsidera nfondata din l-eccezzjoni tal-konvenut.

Illi dwar is-sitt [6] eccezzjoni rigwardanti l-eskluzjoni taz-zwieg putattiv fil-kaz tal-mala fede ta' l-attrici, il-Qoti tosserva li mis-sentenza ta' l-annullament tirrizulta car il-mala fede da parti ta' l-attrici fil-mument li dina dahhlet fi zwieg mal-konvenut billi eskludiet wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali – dik tal-fedelta'. Kif rilevat minn din il-Qorti fil-kawa Tabone vs Stellini, l-eskluzjoni postiva ta' wahda mill-partijiet timporta s-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali taghha; u dan necessarjament twassal ghal prova ta' l-ezistenza tal-mala fede ta' dik il-parti li b' att posittiv tal-volonta' taghha eskludiet obbligu matrimonjali essenzjali.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija valida fattwalment u legalment fondata in kwantu l-attrici, allura konjugi in mala fede, ma tistax tinvoka favur taghha l-beneficju tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Fi kliem iehor, f' dawn c-cirkostanzi, hija legalment prekluza milli tippretendi nofs ta' dak li akkwista l-konvenut matul iz-zwieg.

**Decide**

In in vista tal-premess tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni numru [5] u tiddikjara ruhha kompetenti li tillikwida u taqsam il-gid <u>komuni</u> tal-kontendenti; izda, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni numru sitta [6], tiddikjara li l-attrici hija legalment ostakolata milli tinvoka l-beneficju tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------